

# Uffiċjal Xjentifiku għat-Tħejjija u għar-Rispons f'każ ta' Emerġenza

Unità: Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika  
Referenza: ECDC/FGIV/2023/PHF-SOEPR

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

## Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC qed jippjana li jirrekluta żewġ persuni għall-profil imsemmi hawn fuq, kariga waħda fit-tul u kariga waħda li tkopri l-proġett EWRS<sup>1</sup>. L-ECDC għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi lista ta' riżerva, li tista' tintuża għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti futura fil-qasam.

Il-persuna impjegata se tiġi assenjata fit-taqsimha Tħejjija u Rispons f'każ ta' Emerġenza u tirrapporta jew għand il-Kap tat-Taqsimha jew għand wieħed mill-Mexxejja tal-Grupp.

Se tkun responsabbli għal bosta mill-kompiti li ġejjin, skont il-qasam ta' xogħol assenjat lilha:

- Tappoġġa lill-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE u pajjiżi terzi, u lill-Kummissjoni Ewropea f'attivitajiet relatati mat-tħejjija u mar-rispons f'każ ta' emerġenza permezz ta' evidenza xjentifika, (eż. analiżi tal-letteratura, rapporti tekniċi, dokumenti ta' gwida), twettaq eżerċizzji ta' simulazzjoni, analiżi waqt u wara azzjonijiet, żjarat fil-pajjiżi, tipparteċipa f'attivitajiet ta' tishiġ tal-kapaċitajiet immirati, u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' għodod, metodoloġiji ta' valutazzjoni u materjali ta' taħriġ;
- Tappoġġa fl-operat, il-manutenzjoni, l-evalwazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod epidemjoloġiċi (eż. bażijiet tad-*data*, pakketti ta' analiżi u sistemi ta' informazzjoni dwar is-saħħa pubblika) għat-tħejjija u r-rispons f'każ ta' emerġenza;
- Tikkontribwixxi għall-operat, l-aġġornament kontinwu u l-iżvilupp ulterjuri tal-kontenut tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (EWRS), inkluż il-forniment ta' funzjonalitajiet addizzjonali, l-użu ta' teknoloġiji moderni u l-konnessjoni ma' sistemi oħra ta' twissija tal-Unjoni li jsegwu approċċ li jkopri l-perikli kollha u jiffaċilita l-kollaborazzjoni transsettorjali;

<sup>1</sup> [EUR-Lex - 32022R2371 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](https://eur-lex.europa.eu/lexUri.do?uri=CELEX:32022R2371:MT)

- Tipparteċipa f'investigazzjonijiet transfruntiera dwar tifqigħat u tappoġġa l-produzzjoni f'waqtha ta' valutazzjonijiet rapidi ta' kwalità għolja u bbażati fuq l-evidenza relatati mar-riskju/ma' tifqigħat u kompiti relatati oħra b'rispons għal theddid potenzjali ta' mard infettiv;
- Tipparteċipa fi skjeramenti fuq il-post biex jiġu appoġġati missjonijiet ta' rispons fl-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE u pajjiżi terzi, f'kollaborazzjoni ma' partijiet ikkonċernati tal-UE (eż. DG ECHO u DG INTPA tal-Kummissjoni Ewropea) u sħab mhux tal-UE (eż. WHO, GOARN, u CDCs oħra);
- Tikkoopera u jikkollabora b'mod attiv mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni u tipparteċipa f'networks ta' tħejjija u rispons għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-ECDC mal-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE u pajjiżi terzi;
- Tikkontribwixxi għas-sistema ta' rispons u s-sistema ta' ħidma 24/7 tal-ECDC;
- Kwalunkwe kompitu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tagħha, kif ikun meħtieġ.

## Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

### A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin, attestati b'diploma <sup>2</sup>;
- Għarfien approfondit ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek<sup>3</sup>;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat(a) għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)<sup>4</sup>;
- Li tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Li tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament f'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

### B. Kriterji tas-selezzjoni

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza/għarfien professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali.

#### Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali, wara l-ġoti tad-diploma, miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjeg;
- Lawrja universitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika, l-epidemjoloġija, ix-xjenzi tas-saħħa, il-mediċina, ix-xjenzi bijomediċi, jew qasam relatat ieħor. Alternattivament, lawrja

<sup>2</sup> Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

<sup>3</sup> Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar).

<sup>4</sup> Qabel il-ħatra, il-kandidati magħżula se jintalbu jipprovdu ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juru li ma għandhomx kondotta kriminali.

postgradwatorja fl-epidemjoloġija applikata fuq il-post (eż. EPIET jew ekwivalenti bħal taħriġ nazzjonali dwar l-epidemjoloġija fuq il-post);

- Esperjenza mixhuda bi prova fis-sorveljanza, fit-tnejn f'każ ta' emerġenza, fl-intelligence dwar l-epidemiji/fid-detezzjoni ta' theddid jew fl-investigazzjoni dwar tifqigħat;
- Għarfien u kapaċità li taħdem b'bażijiet tad-*data*, għodod epidemjoloġiċi u pakketti ta' software għall-istatistika, biex tiġġestixxi, tikkondividi u tanalizza informazzjoni epidemjoloġika inkluża *data* ta' sorveljanza;
- Esperjenza b'sistemi jew mekkaniżmi ta' twissija bikrija u ta' rispons nazzjonali, reġjonali jew lokali;
- Livell eċċellenti tal-Ingriż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

### Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonalni:

- Tkun xprunat(a) mill-kwalità u orjentat(a) lejn is-servizz;
- Ikollok kapaċità li taħdem b'mod kollaborattiv, tibni relazzjonijiet ta' ħidma b'saħħithom u tifhem il-ħtiġijiet tal-pajjiżi u l-partijiet ikkonċernati;
- Tkun orjentat(a) lejn ir-riżultati u tkun kapaċi tieħu inizzjattiva;
- Ikollok ħiliet organizzattivi u ta' ġestjoni ta' proġetti tajbin kif ukoll il-kapaċità li taħdem taħt pressjoni;
- Ikollok ħiliet analitiċi tajbin ħafna.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat ta' selezzjoni jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tas-selezzjoni msemmija qabel.

## Opportunitajiet Indaqs

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

## Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Il-persuna impjegata se tinħatar abbażi ta' lista preliminari proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista preliminari ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista preliminari ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħ.

Il-kandidat magħżul se jiġi rreklutat bħala aġent kuntrattwali, skont l-Artikolu 3a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin (applikabli kemm għall-kariga fit-tul kif ukoll għall-kariga relatata mal-proġett). Il-kuntratt jista' jiġġedded (fil-każ tal-kariga relatata mal-proġett, abbażi tal-finanzjament tal-proġett). Il-ħatra ser tkun fil-**Grupp ta' Funzjoni FGIV**.

L-applikanti għandhom jinnutaw ir-rekwiżit, skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu, li għandu jintemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjeg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

## Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

## Il-proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal din il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' reklutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u sottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data ppubblikata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikunu qed jintbagħtu ħafna applikazzjonijiet fl-istess ħin fuq is-sit web. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ awtomatiku bl-email li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert(a) li l-indirizz tal-email li tipprovdni għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni<sup>5</sup> ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

---

<sup>5</sup> Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum taċ-Ċentru hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.